Qed noqorbu lejn tmiem Novembru, ix-xahar li fih niftakru f'dawk qrabatna li għaddew għall-ħajja ta' dejjem. Memorja li veru tnissel fina ċertu niket imma veru wkoll li l-qalb tagħna sabet il-mod kif tfakkar il-ħajja tagħhom u ttaffi ftit mill-kruha tan-nuqqas tagħhom minn fostna. Fil-fatt meta tidħol fiċ-ċimiterji tagħna f'dawn il-jiem, kont tħoss ċertu faraġ tara kif l-oqbra tal-għeżież tagħna kienu mżejna kollhom fjuri qisu ġnien fir-rebbiegħa u b'xemgħat inemnmu li spiss baqgħu jixegħlu anki xħin waqgħet id-dalma tal-lejl. Dan għaliex intom stajtu żżuruhom kuljum, ġest ċkejken li nixtiequ li tibqgħu tagħmlu anki wara li jgħaddi x-xahar ta' Novembru. Għalhekk komplejna ċertu xogħol li kien importanti għaċ-ċimiterji tagħna, hekk li kuljum inkunu nistgħu noffrulkom din il-possibilità li żżuru u titolbu għall-għeżież mejtin tagħkom.

Ringrazzjament speċjali lil Martin Azzopardi li b'mod volontarju permezz tal-kumpanija tiegħu Legacy Ventures offra li jitkompla x-xogħol kollu ta' kisi tal-ħitan u t-tlestija tat-turġien taċ-Ċimiterju tal-Ħniena Divina. Xogħol li stajtu tinnutaw li kien għaddej dan l-aħħar żmien, anki fil-ħitan tal-gagazza li qed isiru minn Toni Muscat. Ix-xewqa hi li nkomplu nieħdu ħsieb dan il-ġnien b'iktar siġar u arbuxelli bil-ward hekk li jibqa' sabiħ tul is-sena kollha, grazzi għall-għajnuna ta' Domenic Falzon li jieħu ħsieb is-siġar u t-tisqija regolari tagħhom.

L-istess ser isir fiċ-Ċimiterju l-antik tal-Addolorata, wara li nieħdu ħsieb ċerti ħsarat li saru ftit ftit matul iż-żmien fil-ħitan ta' barra. Nieħdu l-opportunità nirringrazzjaw ukoll lill-Kunsill Lokali tal-kooperazzjoni kontinwa tiegħu, u talli ħa ħsieb jerġa' jdawwal l-entratura prinċipali u ser jgħinna nirranġaw l-aċċessibilità għaċ-Ċimiterju tagħna mill-bitħa tal-kappella ta' S.Tereża. Ta' min isemmi wkoll il-manutensjoni li qed issir kontinwament fihom mis-sagristani tagħna, Ivan Attard, Mark Falzon u Jean Paul Galea. Ejjew nagħmlu l-parti tagħna wkoll, billi ngħinuhom iżommu dawn l-ambjenti għeżież tagħna nodfa u nieħdu ħsieb inwasslu l-kontribut annwali (€20) li jgħin fl-ispejjeż tal-ġabra tal-iskart u għas-servizzi tad-dawl u tal-ilma.

**Laqgħa ta' talb ta' San Piju** nhar it-Tnejn 24 ta' Novembru fil-kappella tas-Sorijiet, fl-4.00pm. Tibda bl-Adorazzjoni u r-Rużarju u wara Quddiesa. Dejjem ninkludu l-intenzjonijiet għall-morda u l-vokazzjonijiet.

**Stedina lir-romol** nhar it-Tnejn 24 ta' Novembru, fis-5.45pm, fil-Mużew il-qadim tal-bniet. Ser niċċelebraw quddiesa partikolari għall-maħbubin żwieġna. Imexxi Dun Ġużepp Attard.

**Quddiesa fil-Kappella ta' S.Tereża ta' Kalkutta** (Ċimiterju ta' Kenuna) nhar l-Erbgħa 26 ta' Novembru fis-7.00pm, għall-membri u benefatturi mejtin tal-Għaqda tan-Nar San Pietru u San Pawl.

**Ħarġa f'Malta**, nhar il-Ħamis 27 ta' Novembru organizzata mill-Għaqda Dun Franġisk Grima. Immorru l-Buskett u dawra bit-trejn fl-Imdina. Imbagħad immorru nieklu. Tluq mill-Pjazza fis-7.30am.

---

Nhar il-Ħadd 30 ta' Novembru, fil-11.00am, f'Quddiesa ġewwa l-knisja parrokkjali tax-Xagħra, **is-seminarista Fabio Cini** li qed jgħin fil-pastorali maż-żgħażagħ u l-abbatini tagħna, **ser jingħata l-ministeru tal-Akkolitat**. Hekk ser ikun jista' jamministra s-Sagrament tat-Tqarbin fil-Quddies u jwasslu anki lill-morda fi djarhom. Ejjew nakkumpanjawh bit-talb tagħna u nitolbu għalih fil-mixja vokazzjonali tiegħu.



**"ħa jsir minni skont kelmtek!"**
Lq1; 38

Nhar il-Ħadd 30 ta' Novembru, fil-5.00pm, ser tiġi ċċelebrata mill-Isqof Anton, **il-Quddiesa Solenni tal-Bidu tal-Ministeru Pastorali ta' Dun Michael Said** bħala Arċipriet tal-Parroċċa ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema, iż-Żebbuġ. Tkun ħaġa sabiħa li nifirħulu filwaqt li nkomplu nitolbu għalih f'din il-missjoni l-ġdida li ġiet afdata lilu.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am